# *Innijiet proċessjonali f'ġieħ il-Patrun tal-Belt Pinto San Ġorġ Martri - "Ma' Ġorġi Rebbiħin"*

*Pawlu Sammut*

Il-kappillan il-ġdid Dun Vinċenz Azzopardi laħaq nhar il-31 ta' Marzu, 1918. Sab fil-parroċċa tilwim u nuqqas ta' qbil bejn il-prokuratur tal-festa u l-baned minħabba fost l-oħrajn d-daqq tal-mużika tal-festa fil-knisja. Dik il-ħabta kien hemm element qawwi ta' pika bejn partitarji li riedu l-mużika ta' Mro. Paolo Nani u oħrajn li riedu li tindaqq il-mużika ta' Mro. Riccardo Bugeja. F'dik is-sitwazzjoni l-kappillan deherlu li għandu jneħħi u jabolixxi l-kariga u l-funzjoni tal-prokuratur tal-festa u minflok, nhar id-29 ta' Ġunju, 1919, waqqaf uffiċjalment il-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri. Dan il-kumitat magħmul minn diversi persuni minn aspetti soċjali fil-ħajja Qormija, kellu skop komuni; il-ġid tal-festa Qormija u l-imħabba lejn San Ġorġ u l-unur tal-Belt Pinto.

Fost ir-responsabbiltajiet fl-organizzazzjoni tal-festa, insibu tiżjin, armar, dwal u nar. Il-kumitat kompla wkoll bir-responsabbilta` li kellu l-prokuratur tal-festa li jikkummissjona l-baned biex jieħdu sehem matul il-festa ta' San Ġorġ.

Tul dan iż-żmien il-Kumitat baqa' jżomm din ir-responsabbilta` li jikkummissjona u jħallas lill-baned li jieħdu sehem fil-festa tagħna. Kien hemm żmien meta għall-festa ta' San Ġorġ ħadu sehem sittax-il banda. Bla dubju l-aktar baned popolari kienu l-baned tal-Belt 'La Vallette' u l-'King's Own', u dawk tal-Kottonera, jiġifieri l-'Banda San Ġorġ' ta' Bormla, 'Duke of Edinburgh' (illum il-'Banda San Lawrenz') tal-Birgu, u l-'Queen's Own' ta' l-Isla. Huwa interessanti li ngħidu li l-aktar banda li ġiet mistiedna għall-festa tagħna hija l-'Duke of Edinburgh' u warajha l-'Banda La Stella' tal-Gudja, li ilha tiġi mistiedna għall-festa ta' San Ġorġ għal aktar minn ħamsin sena.

Sas-snin tletin tas-seklu l-ieħor, kien hawn diversi innijiet lil San Ġorġ, pero` dawn kienu jkunu bit-Taljan. Għalhekk qatt ma setgħu jkunu verament innijiet popolari. Ftit żmien qabel il-Gwerra l-Kbira, bdew isiru diversi attentati biex jinkitbu innijiet popolari bil-Malti flok bit-Taljan. Insibu fosthom il-qassis Qormi, Dun Beneditt Axisa li kiteb

*ikompli f'paġna 31*

*ikompli minn paġna 29*

diversi poeżiji bl-iskop li jsiru innijiet popolari lil San Ġorġ. Ma nafux jekk dawn il-versi ta' Dun Beneditt qattx inkitbet mużika għalihom.

Fl-1938 sar tentattiv biex isir innu popolari bil-Malti mill-poeta Karmenu Vassallo u l-mużika għamilha Raphael Muscat. Dan l-innu bl-isem 'Lil San Ġorġ Megalomartri' bil-kliem"Żiemel Sbejjaħ, Fieres Isbaħ" għadda mil-liċenzja tal-Knisja 'Nihil Obstat' bid-data tal-25 ta' Marzu, 1938. Dan l-innu b'mużika ħelwa u bi kliem sempliċi għal xi raġuni jew oħra, jew għax forsi min kien responsabbli xtaq xi ħaġa aktar klassika, twarrab u kważi ntesa mal-milja taż-żmien.

Fis-sena 1945, fuq inizjattiva tas-Sur Ġorġ Azzopardi, il-Kumitat tal-Festa approva li jsir innu popolari ġdid biex ikun jista' jitkanta mill-poplu waqt il-funzjonijiet speċjalment quddiem l-istatwa għażiża u devota ta' San Ġorġ. L-ewwel li kien avviċinat kien il-Qormi Dun Beneditt Axisa, li kiteb il-versi għal dan l-innu bl-iskop li jitkanta quddiem il-vara titulari fid-dħul tal-purċissjoni. Pero` fil-fehma ta' Maestro Giuseppe Camilleri, li kien ukoll il-Maestro di Cappella tal-knisja ta' San Ġorġ, ma kienx daqshekk kuntent bih, u għalhekk ġie avviċinat il-poeta magħruf Dun Karm Psaila, aktar tard il-Poeta Nazzjonali Dun Karm, li kkompona l-innu popolari 'Fjur ta' Martri'. Wara li Maestro Giuseppe Camilleri kkompona tliet verżjonijiet għal dan l-innu u ntgħażel dak preżenti, li ġie approvat mill-Kurja bin-'Nihil Obstat' mill-Professur P. Paulus Tabone O.F.M. bid-data tat-22 ta' Marzu, 1945. L-iskop tal-Kumitat tal-Festa li permezz ta' dan l-innu l-poplu jkanta u jagħti tifħir lil San Ġorġ intlaħaq minn dik is-sena stess, għax kemm fil-knisja waqt il-funzjonijiet tal-festa u kemm id-disa' baned mistiedna kollha daqqewh waqt il-purċissjoni.

Kien u għadu l-iskop tal-Kumitat Festi Esterni li b'kull mod li nistgħu, dak kollu li nagħmlu, jkun ta' ġieħ lil San Ġorġ, anke bid-daqq tal-baned, il-mużika li tindaqq tkun akkumpanjata b'versi ta' tifħir lill-Martri San Ġorġ. Meta fis-snin sebgħin, fi żmien l-Arċipriet Dun Gerald Frendo, ngħata l-permess li quddiem il-vara ta' San Ġorġ tibda ddoqq il-banda, il-Kumitat tal-Festa ħass il-ħtieġa li jiġbor f'librett il-mużika ta' l-innijiet biex jindaqqu bħala sett waqt il-purċissjoni.

Fl-1983 il-Kumitat tal-Festa ħabrek biex jagħmel innu ieħor

*ikompli f'paġna 33*

*ikompli minn paġna 31*

biex jiżdied mas-sett. Dan l-innu ferm popolari 'Ġorġi Tagħna' nkiteb minn Dun Pawl Genovese fuq mużika ta' Maestro Archibald Mizzi. Il-Kumitat tal-Festa dejjem saħaq u nsista li dawn l-innijiet għandhom jindaqqu mill-baned mistiedna speċjalment waqt il-purċissjoni.

Fis-sena 2003, bħala tifkira tas-sena ċentinarja mill-martirju ta' San Ġorġ, il-Kumitat tal-Festa ddeċieda li jsir innu ieħor biex filwaqt li jibqa' tifkira ta' l-okkażjoni, jiżdied mas-sett ta' innijiet li jindaqqu waqt il-purċissjoni. Għalhekk ġie avviċinat Dun Pawl Genovese li kiteb il-versi ta' l-innu 'L-Għanja ta' Qlubna' waqt li l-mużika ġiet fdata f'idejn il-Professur Joseph Vella.

Peress li l-purċissjoni hi kemmxejn twila, u biex ma jindaqqux l-istess innijiet wara xulxin, il-Kumitat iddeċieda li l-innijiet jitilgħu għal sett ta' għaxra bl-istess tema ta' tifħir lil San Ġorġ. Għalhekk ġie avviċinat il-Kanonku Joe Mejlak biex jikkomponi l-versi għal innu ġdid, 'Lil San Ġorġ Martri' waqt li saret il-mużika għal dawn il-versi mill-Maestro Ray Sciberras. Is-Sur Carmel Bianchi wkoll laqa' x-xewqa tal-Kumitat u kitbilna innu ġdid bl-isem 'Ġorġi l-Ġawhra tal-Qormin' filwaqt li l-mużika saret mis-Surmast Archibald Mizzi. Il-Kumitat aċċetta li f'dan is-sett jidħol l-innu lil San Ġorġ 'Inġeddulek Imħabbitna' versi tas-Sur Ġorġ Bianchi b'mużika tas-Sur Henry Attard.

Sabiex dawn l-innijiet ikunu aktar magħrufa, ġie deċiż li jiġu rrekordjati f'compact disk waqt li jiżdied magħhom l-innu "Il-Martri ta' Lydda' maħruġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ b'tifkira taċ-ċentinarju. Il-mużika hi ta' Andrew Żammit, b'arranġament mużikali mis-Surmast Archibald Mizzi u versi tas-Sur Ġorġ Bianchi. Peress li fis-sett ma kienx hemm il-versi għall-mużika ta' Maestro Ġanni Vella u tas-Sur Emanuel Cremona, ġie avviċinat is-Sur Ġorġ Bianchi li b'sengħa adatta l-versi għall-mużika. L-innu ta' Maestro Ġanni Vella jismu 'Ma' Ġorġi Rebbiħin' filwaqt li l-innu ta' Emanuel Cremona jismu 'Innu lil San Ġorġ – Rabta Dejjiema'. Kienet biċċa xogħol xejn ħafifa peress li s-soltu l-ewwel isir il-kliem u wara fuq il-versi tiġi adattata l-mużika. Pero` b'sengħa u b'imħabba saret biċċa xogħol b'sodisfazzjon kemm għall-awtur kif ukoll għall-istess Kumitat.

Il-ħsieb tal-compact disk bl-innijiet popolari b'tifħir lill-Martri

*ikompli f'paġna 35*

*ikompli minn paġna 33*




ta' Lydda żgur li hu mertu ta' bosta kontributuri speċjalment lil diversi surmastrijiet li kkomponew il-mużika u l-kittieba li kitbu t-tifħir u l-għanja tagħhom lill-Martri Patrun tagħna.

Bla ma nnaqqsu l-mertu ta' ħadd, ma nistgħux ma nsemmux il-paċenzja li ħa bina s-Sur Ġorġ Bianchi, li nsibuh t'għajnuna kbira. Nirringrazzjaw mill-qalb lis-Sur Luciano Apap li għal sena oħra sibnieh għax-xogħol kollu konness mal-partituri tal-mużika ta' dawn l-innijiet kollha għall-baned u għall-arranġamenti mużikali. Żgur li mingħajr l-għajnuna tas-Sur Apap, din il-ġabra ta' innijiet ma kinitx tkun daqshekk faċli. Ħajr mill-qalb imur lejn is-Surmast Archibald Mizzi għall-paċenzja li ħa bina għad-direzzjoni li ħa f'idejh biex din il-compact disk setgħet issir. Ħajr mill-qalb imur ukoll għall-kantanti Joe Farrugia, Rebecca Bonnici u Leontine għall-kant ta' l-innijiet. Grazzi lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu t'għajnuna.

J'Alla li l-ħsieb u x-xewqa tal-Kumitat Festi Esterni li nagħtu ġieħ lill-Martri ta' Kristu jintlaħaq. J'Alla nkunu ta' eżempju tajjeb u nagħtu direzzjoni biex fil-festa li niċċelebraw, il-qaddis patrun tagħna jieħu gost b'dak kollu li ngħidu u nagħmlu.

Viva San Ġorġ Martri